MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Numru. 674/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Dr. Alfred Grech ta' 60 sena iben Lawrence u Rita nee' Grech, imwieled il-Kercem fit-18/01/1952 u joqghod The Plough, Triq il-Wileg, San Lawrenz, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 5952(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Dr. Alfred Grech li gie akkuzat talli nhar it-28.07.2008 ghal habta ta' 12:45hrs fir-Rabat, Ghawdex:

1. saq vettura bin-numru FBG 097 ta' ghamla Mercedes meta kellu il-licenzja tas-sewqan skwalifikata

b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, Ghawdex datata 10 ta' Settembru 2007.
2. saq vettura bin-numru FBG 097 tal-ghamla Mercedes minghajr ma licenzja tal-imsemmija vettura kienet imgedda ghas-sena kurrenti mill-Awtorita tat-Trasport ta' Malta.
3. u aktar talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali Ghawdex presjeduta mill-Prim Imhallef Dr. Vincent DeGaetano fl-10 ta' Settembru 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi imhassra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet pprezentata mid-difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat li saq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni FBG 097 tal-ghamla Mercedes filwaqt li kienet ghadha fis-sehh is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu u dana in forza ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 10 ta' Settembru 2007. Akkuzat ukoll illi saq meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjon u wkoll li huwa recidiv.

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta bhala fatt stabbilit illi l-vettura FBG 097 tappartjeni lill-imputat u li fil-jum indikat fl-akkuza l-licenzja tas-sewqan tieghu kienet skwalifikata. Inoltre huwa lanqas ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni.[1]

Illi d-difiza tikkontendi illi ghalkemm il-Proskeuzzjoni ressqet bhala provi zewg affidavits ta' zewg ufficjali tal-pulizija li intercettaw lil Dr. Alfred Grech isuq il-vettura tieghu fil-jum indikat fl-akkuza, madanakollu huma qatt ma identifikaw lil Dr. Grech li gie mwaqqaf minnhom mal-

[1] Ara xhieda ta' Saviour Farrugia rappresentant Transport Malta u ta' Dr. Carmelo Galea rappresentant ta' GasanMamo Insurance

persuna tal-akkuzat. Illi ghalkemm dana huwa minnu, madankollu mill-affidavits tal-PS1424 u tal-PC1406 jirrizulta illi wara li huma kienu waqqfu lil Dr. Alfred Grech huma komplew bl-istharrig taghhom minn fejn irrizultalhom illi l-persuna mwaqqfa minnhom kellu l-licenzja tas-sewqan tieghu skwalifikata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Settembru 2007. Illi d-difiza m'hijiex qed tikkontesta l-fatt illi s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2007 inghatat fil-konfront tal-imputat tant illi anke ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq il-prova dwar l-identita' tal-imsemmija sentenza. Kwindi il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi l-persuna li giet intercettata isuq il-vettura FBG 097 fil-jum tat-28 ta' Lulju 2008 u li l-ufficjali tal-pulizija jindikaw bhala Dr. Alfred Grech ma kinitx hlief il-persuna tal-imputat.

Illi l-Qorti tiddeplora dina l-imgieba minn naha ta' bniedem fil-professjoni legali li jahseb li jista' jikser il-ligi minghajr ma jinkorri l-ebda sanzjoni. Madankollu l-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja f'dana l-kaz ma hijiex idonja tenut kont tal-fatt illi l-imputat aktar milli jinzamm inkarcerat jenhtieg ghajnuna ta' nies professjonali sabiex ighinuh jeghleb il-problemi li qed jiffaccja f'hajtu.

Finalment l-imputat huwa akkuzat li huwa recidiv u dana in forza ta' sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tal-10 ta' Settembru 2007. Illi l-Qorti ser tiehu dana l-fatt in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena billi ser tapplika dak dispost fl-artikolu 59 tal-Kapitolu 65 u l-artikolu 3(2)(b) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(3) u 59 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3(1)(2)(b) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamest elef ewro (€5000).

Il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' sentejn mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------